MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru. 205/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR RENNIE STIVALA**

**VS**

**RITIENNE AZZOPARDI**
**(ID Nru. 304392M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 205/2015

Illum, 7 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Ritienne Azzopardi, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 304392M.

**Akkuzata talli:**

Fil-hmistax (15) ta` Frar, 2015, u fil-granet ta` qabel, f'dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifikat jew biddlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta` industrija, jew xjentement, ghamlet uzu ta` dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, jew ghamlet uzu, xjentement, ta` marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista` tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghet merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghal-bejgh jew importat ghal hsieb ta` kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` numru ta` DVD's foloz jew ikkupjati;

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta` kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor irriproduciet jew ikkopjat jew bieghet, qassmet, jew mod iehor offriet ghall-bejgh jew biex jitqassam, jew kella fil-pussess, kontroll jew kustodja tieghha, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta jew tahtha.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) u 298 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni ma thalli ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lil imputata hatja kif akkuzata.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 299 (1), 298 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta temmen illi piena karcerarja f'dan il-kaz m'huwiex il-kaz. Huwa mportanti li l-imputata tghallmet mill-izbalji taghha u ma tirrepetihomx.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti waqt illi ssib lil imputata hatja kif akkuzata tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn (2) mill-lum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghal zmien sena (1) mill-lum qeghda tordna illi jigi appuntat *probation officer* sabiex isegwi l-andament ta' din l-akkuzata.

Il-Qorti qeghda tordna li l-makkinarju kollu li ngabar mill-pulizija jigi restitwit lill-imputata fi zmien gimghatejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------